MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 16/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**JOSEPH FARRUGIA**

**Illum ta’ Novembru, 2010.**

**Il-Qorti.**

Rat li l-akkuzat **JOSEPH FARRUGIA** ta’ sebgha w erbghin sena, bin il-mejjet Francis u Cristina nee’ Cini, imwieled ir-Rabat Ghawdex fis-sebgha ta’ Gunju 1956 u joqghod 20, Triq Wied Sara, Ghasri Ghawdex, detentur

tal-karta tal-identita’ bin-numru 35256G, tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-ewwel ta’ Lulju 2002 u fil-granet ta’ qabel, fir-Rabat Ghawdex, sabeix jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi document mahsub ghal awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi ghamel tbaghbis fl-*attendance sheet* datata 30 ta’ Gunju 2002.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi fil-gurnata tal-Hamis ta’ nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ Gunju 2002 hassar il-kelma *vacation leave* (V/L) minn fuq l-attendance sheet datata tletin ta’ Gunju 2002 u ffirma qisu rrapporta ghax-xoghol.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Marzu 2004 sabiex din il-kawza tinstema’ sommarjament.

Illi nhar is-27 ta’ Mejju 2004 xehed l-**Ispettur Maurice Curmi w** spjega illi fil-25 ta’ Settembru 2002 John Cremona fil-kapacita tieghu ta’ direttur Customer Services fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex informa lill-pulizija permezz t’ittra datata 18 ta’Settembru 2002 li fiha stqarr li Joseph Farrugia, li hu l-imputat odjern, li huwa impjegat mal-Housing Department f’tac-Cawla kien baghbas xi attendance sheet. Is-sur Cremona kompla jghidlu li fit-28 ta’ Gunju ta’ l-istess sena ghall habta tal-ghaxra neqsin ghoxrin ta’ filghodu (9.40a.m.) kienet saret *site inspection* minn zewg *inspectors* fi hdan l-*Inspectorate Unit* tac-Cawla fejn jahdem l-imputat u hemmhekk sabu li f’dik il-gurnata u fil-gurnata ta’ qabel l-imputat kien jidher li kien bil-Vacation Leave. Illi sussegwentement dawn l-istess *inspectors* regghu marru fl-1 ta’ Lulju 2002 fl-istess post fejn ghamlu spezzjoni ohra u ndunaw illi l-attendence sheet kienet giet imbaghbsa. Osservaw illi fil-gurnata ts-27 ta’ Gunju, li meta ghamlu l-ewwel *inspection* sabu li l-imputat kien indikat bhala bil-leave, giet imhasra bit-tipex u mmarkat bhala li fil-fatt l-imputat kien hadem.

Huwa ghalhekk kien baghat ghall-imputat fl-ghassa tar-Rabat Ghawdex fit-28 ta Ottubru 2002 u wara li tah is-solita twissija l-imputat kien stqarr mieghu li kien hu li hassar, ghatta bit-tipex il-kelma V/L li kienet miktuba fl-*attendance sheet* u ffirma bhal li kieku kien dahal ghax-xoghol dakinhar. Kien irrilaxja stqarrija li qed tigi esebita u mmarkata bhala Dokument CSH4. L-Ispettur gharaf il-firma tieghi u l-firma ta' PS 1407 Portelli fuq kull faccata ta' din l-istqarrija li tikkonsisti f'zewg faccati.

Jghid li l-imputat kien stqarr mieghu illi huwa kien ghamel hekk ghax ma riedx jahli l-*vacation leave days* kollha f'kaz li kellu bzonnhom ghal darb' ohra.

Mistoqsi jekk kienx hu jew siehbu li baghbas l-attendance sheet ix-xhud jghid li ma jafx jekk siehbu kienx komplici mieghu. Pero' jafferma li l-imputat ammetta fl-istqarrija li rrilaxxja li kien hu li ghamel it-tbaghbis nhar l-l ta' Lulju, 2002.

**PS 1407 Frank Portelli** xehed nhar is-27 ta' Mejju 2004 u meta gie muri l-istqarrija esebita u markata bhala dok CSH4 huwa gharaf il-firma tieghu u dik ta' l-Ispettur fuq kull faccata taghha. Ikkonferma li huwa kien prezenti l-hin kollu waqt li l-imputat irrilaxxja l-istqarrija. Mistoqsi jekk issemmietx il-kelma tipex waqt l-interrogatorju jghid li ma jiftakarx. Jghid li lanqas ma jiftakar li l-imputat qal li t-tbaghbis sar minn haddiehor. Jghid li pero' kif sar it-tbaghbis fil-kelma vacation leave ma jafx, u fil-fatt izid jghid li lanqas ma ra l-attendence sheet.

**Mario Fenech** xehed fl-istess jum tas-27 ta' Mejju 2004 u jghid li dakinhar li sar ir-rapport huwa kien jokkupa l-kariga ta' Inspector. Huwa kien gie mitlub sabiex jaghmel inspection fil-post maghruf bhala tac-Cawla w meta mar hemmhekk sab li kien sar tbaghbis fil-kelma vacation leave. Huwa gie muri l-attendance sheet esbita fl-atti u mmarkata bhala Dokument CSH 3, datata 30 ta' Gunju 2002. Huwa gharaf il-firma tieghu w ikkonferma li kien hemm miktub il-kliem vacation leave bil-kulur ahmar fis-27

ta’ Gunju 2002. Jghid li dakinhar tipex fuq l-attendence sheet ma kienx hemm.

Jghid li dakinhar kien hemm persuna bl-attendance sheet tieghu f’idejha u kellu ukoll l-attendance sheet tal-imputat. Qal li huwa ma rax lill-imputat fuq il-post tax-xoghol ghalkemm sieheb l-imputat ikkonfermalu li l-imputat kien dahal ghax-xoghol.

**Teddy Refalo** xehed fl-istess jum tas-27 ta’ Mejju 2004 fil-kapacita’ tieghu ta’ Spettur fid-dipartiment tal-Public Works. Jiftakar li gurnata minnhom kien mar jaghmel spezzjoni f’post maghruf bhal tac-Cawla u dan kien fit-28 ta’ Gunju 2002 u mieghu kien hemm Mario Fenech.

Jghid li kienu marru jfittxu lil zewg haddiema maghrufa bhal Farrugia w Camilleri u hemmhekk sabu biss lil Camilleri. Telghu jaraw ix-xoghol li kien qed isir u talbu l-attendance sheets u ffirmaw ghalihom. Hemmhekk Camilleri ffirma l-attendance sheet fil-presenza taghhom. Jghid li fil-fatt Farrugia kellu ndikat li kien bil-vacation leave fil-jiem tas-27 u 28 ta’ Gunju 2002. Huma regghu marru wara ftit jiem u sabu li kien hemm tbaghbis fl-attendance sheet u dan ghaliex minn jumejn vacation leave kien hemm indikat jum wiehed biss. Huwa ha fotokopja ta’ din l-attendance sheet. Jghid li dakinhar mieghu kien hemm Raymond Formosa. Ikkonferma li huma ghamlu fotokopja tal-attendance sheet dakinhar tal-1 ta’ Lulju 2002 meta ndunaw li kien hemm it-tbaghbis. Jghid li hdejn id-data 27 ta’ Gunju 2002 kien hemm il-firma tal-imputat.

Jispjega li fis-28 ta’ Gunju 2002 fl-ispezzjoni li ghamlu kien hemm biss Emmanuel Camilleri fuq il-post tax-xoghol, l-imputat ma kien hemmx hemm ghax kien bil-vacation leave. Huwa gabar l-attendance sheet dakinhar li ndunaw li kien hemm kitba tat-tipex.

Jghid li huwa staqsa lil Camilleri w lil Farrugia min kien baghbas l-attendance sheet u jghid li hadd minnhom ma ammetta li kien hu li ghamel it-tbaghbis. Dakinhar ta’ l-ewwel spezzjoni mhux minnu li gabru kopja tal-attendance

sheet, kien biss fl-1 ta’ lulju li ghamel hekk. Jghid li dakinhar Camilleri telaq jigri meta rahom hemm.

**Raymond Formosa** xehed fis-27 ta’ Mejju 2004 u dan fil-kapacita’ tieghu ta’ Spettur fi hdan il-Public Works u kkonferma li kien mar ma’ Teddy Refalo jaghmel spezzjoni fid-dipartiment tal-Public Works f’Tac-Cawla. Jghid ukoll li d-dokument CSH 3 ma rahiex qabel ma giet murija lilu l-Qorti .

**Robert Scerri** xehed fis-27 ta’ Mejju 2004 u dan fil-kariga tieghu ta’ Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Customer Services fi hdan il-Ministeru t’Ghawdex. Jghid li kienu rcevew rapport fit-2 ta’ Lulju minghand Aldo Cini li hu responsabbli ghall-Unit ta’ l-Ispettorat u fil-fatt esebixxa dan ir-rapport li gie mmarkat bhala Dokument Z

Spjega illi John Cremona ddecieda li johrog akkuza fuq dan ir-rapport, fis-sens illi d-Direttur mexa kontra l-imputat Joe Farrugia bhala proceduri dixxiplinarji w fil-fatt esebixxa kopja ta’ dawn il-proceduri, li giet immarkata bhala Dokument X. Jghid li l-imputat kien irrisponda ghal din l-akkuza permezz t’ittra mibghuta mill-Avukat difensur tieghu. Huwa esebixxa kopja ta’ din l-ittra li giet immarkata bhala Dokument Y fejn cahad l-akkuza moghtija lilu.

**Emmanuel Camilleri** xehed fit-30 ta’ Settembru 2004 u stqarr li huwa jahdem bhala beach cleaner u jaf li l-imputat jahdem mieghu fil-Housing tac-Cawla, u kkonferma li l-imputat kien jaghmel xoghol ta’ *maintenance*.

L-imputat **Joseph Farrugia** xehed nhar il-25 ta’ Novembru 2004 u qal li nhar is-27 u nhar it-28 ta’ Gunju 2002 huwa kien dahal ghax-xoghol u cahad dak li gie allegat mill-Ispettur Prosekutur li huwa kien ammetta mieghu li kien iffirma l-attendance sheet. Qal li huwa lanqas ma ffirma l-istqarrija ghaliex ma qabilx ma’ dak li kien hemm miktub. Cahad dak li gie allegat lilu li huwa kien baghbas l-attendance sheet u li effettivament kien qal hekk lill-Ufficjal Prosekutur. Qal li huwa qal lill-Ispettur li kien jahdem ma’ tac-Cawla Housing u li mhux veru kien

bil-vacation leave fis-27 ta’ Gunju 2002. Stqarr ukoll li ma jafx jaqra w jikteb.

Fl-istqarrija esebita a fol, 11 w immarkata bhala Dokument CSH4 jghid li ma kienx mar ghax-xoghol fis-27 u 28 ta’ Gunju 2002. Pero’ mistoqsi jekk kienx baghbas l-attendance sheet fis-sens li kien hassar il-vacation leave minn fuq id-data 27 ta’ Gunju 2002 u ffirma fuq dik id-data qisu dahal ghax-xoghol meta ma kienx dahal, huwa cahad. Mistoqsi ghaliex kien ghamel hekk jghid li hekk fettillu ghaliex ried juzahom ghal hag’ ohra. Spjega li kien talab lil siehbu Emmanuel Camilleri sabiex jiktiblu vacation leave u meta dahal ghax-xoghol kien hu li hassar dak li kien hemm miktub u ffirma fuqu.

Illi l-imputat esebixxa affidavit ta’ **Dr. Albert Bezzina** permezz ta’ rikors datat 18 ta’ Jannar 2006 u dan gie kkonfermat minn Dr. Bezzina seduta stante nhar it-2 ta’ Frar 2006. Jispjega li l-imputat kien intalaqat b’comb ta’ tir ta’ senter fir-ras u fl-ghonq fit-28 ta’ Marzu 2003. Jghid li wahda mic-comb ippenetrat ghajnejh ix-xellugija minn quddiem sa wara u din ic-comba kkagunat lacerazzjoni tal-cornea, tharbit fl-istruttura tal-lenti, emorragija u distakk tar-retina. Jghid li ftit wara tilef il-vista li kellu f’ghajn wahda w li ghandu griehi ta’ natura gravi, tant li ghandu disabilita’ permanenti ta’ tletin fil-mija (30%).

Illi fis-seduta tat-2 ta Frar 2006 id-difiza talbet li jkun hemm *social inquiry report* dwar l-imputat u l-Qorti nnominat b’digriet taghha ta’ l-istess jum lil Probation Officer Carmen Borg.

Fl-4 ta’ Mejju 2006 dehret il-Probation Officer Carmen Borg u pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dokument SER (a fol 71). F’dan ir-rapport il-Probation Officer tghid kemm hu dipendenti fuq martu l-imputat li sahansitra anke twasslu ghax-xoghol kuljum. Tikkonferma li l-imputat tilef il-vista t’ghajn wahda f’incident sfortunat. Tispjega li wara dan l-incident l-imputat biddel hajtu tant li qabel kien jghaddi hinijiet twal fl-ghalqa tieghu izda wara l-incident waqa’ f’depressjoni w jghaddi hinijiet twal rieqed. Sahansitra anke xi kultant

jghaddulu hsibijiet f'mohhu li jaghmel hsara fuq il-persuna tieghu. Spjegat illi hija tkellmet ma' Joyce Dimech, Direttur Customer Care ta' fejn jahdem l-imputat, u din stqarret maghha li hemm bzonn li tinghata mportanza lir-regolamenti tal-kummissjoni ghas-servizz pubbliku u in oltre ghall-gravita' tal-kaz.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Dicembru 2006 fejn kienet innominat lill-Psikjatra Joseph Vella Baldacchino ghaliex l-imputat kien qed ifalli hafna l-Qorti. Illi dan xehed nhar it-12 ta' April 2007 u spjega li l-imputat ibati minn tensjoni w depresjoni w anke ghandu ntelligenza limitata. Dan nonostante huwa kapaci jitla' l-Qorti w isegwi dak li jkun ghaddej. Jghid li l-imputat ghandu IQ baxx hafna w tah trattament mediku differenti ghal dak li kien qed jiehu. Ikkonferma li d-depressjoni li ghandu hija kagun tal-incident sfortunat li kellu. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok JB (fol. 109).

Illi nhar it-23 ta' Luju 2010 xehdet **Joyce Dimech** in difesa u qalet li dak li taf dwar l-imputat tafu mill-*file* tieghu u mhux ghax tafu *di scientia propria*. Ikkonfermat li skond ir-regolamenti tal-Public Service Commission, kazijiet ta' "*tampering with documents"* jinstemghu quddiem il-*commission* u mhux quddiem il-Qorti. Qalet li l-imputat ghandu proceduri quddiem il-Kummissjoni li huma sospizi. Mistoqsija tispjega ghaliex dan il-kaz spicca l-Qorti u kazijiet ohra le, x-xhud tghid li ma tafx taghti spejgazjoni ghal dan. Qalet li fil-file taghhom kopja originali tal-attendance sheet li kienet giet imbaghbsa m'ghandhiex.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat ghandu jinstab hati, u dan minhabba l-istqarrija rilaxxjata minnu li tammonta ghar-regina tal-provi. M'hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tiskarta l-konfessjoni maghmula minnu *a tempo vergine* tal-istqarrija, li huwa kien baghbas l-attendance sheet billi kien hassar il-kelma vacation leave minn fuq id-data 27 ta' Gunju 2002 u ffirma fuqha wara li hassarha bit-tipex,

sabiex jinftiehem li huwa dahal ghax-xoghol sabiex b'hekk ikollu gurnata ohra ta' vaganza. Illi l-Qorti thoss li ghandha tiskarta x-xhieda moghtija minnu *viva voce*, u dan ghaliex thoss li m'ghandhiex mis-sewwa u ghandha toqghod biss fuq dak li qal fl-istqarrija tieghu.

Ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif prodotti mill-prosekuzzjoni kontra tieghu.

Dwar piena l-Qorti tat widen lil dak li gie sollevat mill-Probation Officer fis-Social Inquiry Report taghha, partikolarment li l-imputat kellu ncident sfortunat u tilef il-vista t'ghajn wahda. Jidher li dak ma kienx bizzejjed ghaliex sahansitra anke qed ibati minn tensjoni w depressjoni. Skond il-Psikjatra Vella Baldacchino l-imputat ghandu IQ baxx hafna w intelligenza limitata hafna, ghalkemm jaf x'inhu ghaddej. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni dak li qalet l-abbli Direttur tal-Customer Care fi hdan il-Ministeru t'Ghawex, u appuntu li bhala procedura kazijiet bhal dawn, u cioe' ta' tbaghbis ta' dokumenti, jigu trattati quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Publiku, u li hi ma kintix f'posizjoni tghid ghaliex dan il-kaz gie trattat b'lenti diversa. Jidher li dan huwa kaz socjali w li b'hekk l-imputat jisthoqqlu l-ghajnuna, w ghalhekk piena karcerarja mhix il-piena idoneja.

**Il-Qorti thoss li hemm ic-cirkostanzi specjali msemmija fil-ligi sabiex il-Qorti tinzel taht il-minimu fl-ghoti tal-piena, w dan billi taghti Probation Order. Il-Qorti verament thoss li l-imputat ghandu jinghata ghajnuna sabiex jindirizza d-depressjoni li ghandu kawza tad-dizabilita' li qed isofri. Il-Qorti thoss li b'ghanjnuna ta' Probation Officer l-imputat jista' jitghallem mill-izbalji tieghu w izomm il-boghod mill-hajja ta' kriminalita'. Jinghad ukoll li peress li din il-Qorti sejra taghti s-sentenza taghha, dan il-kaz ma jistax jerga' jinstema' quddiem il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, ghaliex altrimenti l-imputat jigi punit darbtejn – haga li ma tistax issir.**

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 21, 188, 189 u 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet**

**ta' Malta, tiddeciedi li <u>ssib lill-imputat JOSEPH FARRUGIA hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu permess mil-Lligi, skond id-digriet hawn anness, u oltre dan ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-piena ta' l-interdizzjoni generali perpetwa.</u>**

**Tordna li kopja tal-Probation Order tinghata lill-imputat kif ukoll li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jigi appuntat kandidat idoneju sabiex isegwi lill-imputat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------